**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 283 tas-26 ta' Novembru 2019 dwar talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13**

Is-Sedja kkonsidrat it-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Adrian Delia, sabiex il-Kamra tissospendi x-xogħol tagħha skont l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni ppreżentata mill-Onorevoli Membru u nikkwota:

> "Billi 1-Ordni Pennanenti 13 jipprovdi li Membru fil-bidu tax-xogħol tal-Kamra jista' jitlob il-permess li jressaq 1-aġġornament tal-Kamra sabiex tiġi diskussa ħaġa definita ta' importanza pubblika u urġenti, u wara huwa jsemmi l-ħaġa u jagħti lill-Ispeaker dikjarazzjoni miktuba dwar is-suġġett biex ikun diskuss;
>
> Billi fl-aħħar sigħat kellna s-sospensjoni tad-Deputat Mexxej Laburista, i1-Ministru Chris Cardona, ir-riżenja definittiva tal-Ministru Konrad Mizzi u r-riżenja definittiva ta' Keith Schembri ċ-Chief of Staff tal-Prim Ministru Joseph Muscat;
>
> U peress li din hija kriżi kostituzzjonali u istituzzjonali bla ebda preċedent f'pajjiżna fl-isfond tal-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;
>
> Din il-Kamra għandha tiddiskuti dan 1-istat ta' fatt u l-konsegwenzi tiegħu immedjatament fuq pajjiżna;
>
> Peress illi 1-abiltà tal-Prim Ministru Joseph Muscat biex jeżerċita l-funzjonijiet mgħobbija lilu mill-Kostituzzjoni ta' Malta ġew kompromessi u hu mhux f'pożizzjoni li jieħu deċiżjonijiet, għaldaqstant il-Prim Ministru għandu jirreżenja:
>
> Għaldaqstant Sur President, u fid-dawl ta' dan kollu, qed nipproponi 1-aġġornament tal-Kamra biex tiddiskuti din il-materja definita, ta' importanza pubblika u nazzjonali u urġenti."

Is-Sedja mill-ewwel tixtieq tirrileva li minkejja li tagħraf li l-avvenimenti li seħħew riċentement jagħtu lok għal tħassib u li s-Sedja tikkondividi dan it-tħassib, hija tibqa' dejjem obbligata li tosserva l-Ordnijiet Permanenti li jirregolaw il-proċeduri tal-Kamra. Kif espress f'diversi *rulings*, hija m'għandhiex triq oħra u ma tistax tiddipartixxi minn dan l-obbligu li ġie impost fuqha mal-għoti tal-kariga.

Dan jerġa' jwassal is-Sedja biex fil-konsiderazzjoni tagħha dwar jekk il-materja hijiex definita, ta' importanza pubblika u urġenti, tirrepeti li filwaqt li tagħraf, kif diġà ngħad li l-materja hija definita u bla dubju ta' importanza pubblika, jeħtieġ li s-Sedja tkun sodisfatta dwar il-materja tal-urġenza. Meta s-Sedja tikkonsidra l-urġenza għandha tara mhux biss jekk il-materja nnifisha hijiex urġenti, iżda wkoll jekk din tkunx tant mgħaġġla li l-Kamra jkollha tiddibattiha dak il-ħin u tissospendi xogħol ieħor, għaliex inkella jkun tard wisq jekk il-materja tiġi dibattuta fi stadju ieħor. Fir-rigward ta' dan l-aħħar kriterju s-Sedja hija obbligata li tiddeċiedi li l-urġenza kif definita minn numru ta' Speakers qabilha għadha ma teżistix.

Din il-pożizzjoni hija wkoll sostnuta mit-tieni punt li tixtieq tirrileva li jirrigwarda dak li ġie espress mill-istess Sedja fir-*ruling* tal-bieraħ dwar l-investigazzjonijiet tal-pulizija li għadhom għaddejja u nikkwota:

> "Is-Sedja tara wkoll li jekk id-dibattitu jitħalla jsir f'dan l-istadju, m'għandha l-ebda garanzija li tista' tikkontrolla d-diskussjoni b'tali mod li ma tippreġudikax l-istess investigazzjoni u d-drittijiet tal-persuni kkonċernati fi proċess ġudizzjarju, dan kif ġie deċiż f'diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, biex jiġi żgurat id-dritt ta' smigħ xieraq fi proċess ġudizzjarju."

Il-parir legali li għandha s-Sedja huwa li jekk tħalli d-diskussjoni fuq materja li hija sotto investigazzjoni u *sub judice*, tkun fil-fatt qed tagħti lok hija stess sabiex tinħoloq kriżi kostituzzjonali u istituzzjonali għaliex tkun qed tfixkel u tippreġudika l-andament ħieles tal-istess istituzzjonijiet, nirrepeti, *stante* li l-investigazzjoni għadha f'mument kritiku tant li mill-istess *ruling* tas-Sedja tal-bieraħ seħħew żviluppi importanti, u li kieku tħalla jsir id-dibattitu tal-bieraħ dan seta' faċilment jikkawża preġudizzju kemm fl-investigazzjoni, fil-proċess ġudizzjarju inkwerenti u wkoll fid-drittijiet preżenti u futuri tas-suspettati li sussegwentement jistgħu jiġu akkużati. Nirrepeti li dan kien il-bażi tal-argumentazzjoni ta' Speakers ta' qabli inkluż l-Ispeaker Louis Galea diġa kkwotat il-bieraħ.

It-tielet punt jirrigwarda d-dikjarazzjoni tal-Kap tal-Oppożizzjoni fejn fost oħrajn qed tintalab ir-riżenja tal-Prim Ministru u nikkwota:

> "Peress illi l-abiltà tal-Prim Ministru Joseph Muscat biex jeżerċita l-funzjonijiet mgħobbija lilu mill-Kostituzzjoni ta' Malta ġew kompromessi u hu mhux f'pożizzjoni li jieħu deċiżjonijiet, għaldaqstant l-Prim Ministru għandu jirreżenja:"

Is-Sedja hawnhekk tirreferi għall-paragrafu (4) tal-Ordni Permanenti 13 li qed jiġi invokat mill-istess Kap tal-Oppożizzjoni li jgħid:

> "(4) Ebda diskussjoni ma tista' titqanqal b'dan il-mezz dwar ħwejjeġ li jkunu avżati għad-diskussjoni jew li jkunu mniżżla bħala ordni tal-ġurnata jew dwar kwistjoni ta' privileġġ, jew dwar ħaġa li ma tistax tiġi diskussa ħlief wara mozzjoni speċifika."

Mill-qari ta' dan il-paragrafu is-Sedja tirrileva li talba għal riżenja ta' Membru tal-Eżekuttiv, f'dan il-każ il-Prim Ministru, teħtieġ mozzjoni sostantiva b'avviż ta' tliet ijiem u finalment diskussjoni u deċiżjoni b'vot tal-Kamra. Dan ifisser li t-talba biex il-Prim Ministru jirriżenja ma tistax issir bil-proċedura użata mill-Kap tal-Oppożizzjoni taħt l-Ordni Permanenti 13 u dan peress li tassattivament irid jittieħed vot. Dan huwa l-istess argument użat mill-Ispeaker Myriam Spiteri Debono fir-*ruling* li tat fis-Seduta 226 tal-15 ta' Ġunju 1998 u nikkwota mill-konklużjoni tal-istess *ruling*:

> "fit-tieni lok ikkunsidrata s-serjetà ta' din il-talba, is-Sedja ma jidhrilhiex li f'dan l-istadju għandhom jitwarrbu l-proċeduri li normalment huma rikjesti biex titressaq mozzjoni sostantiva. U bla dubju biex titressaq mozzjoni ta' sfiduċja li hija mozzjoni sostantiva, m'għandhiex titressaq u tiġi diskussa f'dan il-mument billi jitwarrbu l-proċeduri stabbiliti fl-Ordnijiet Permanenti."

Filwaqt li s-Sedja tikkondividi l-preokkupazzjoni espressa mill-Kap tal-Oppożizzjoni fl-ispjega tad-dikjarazzjoni li ssottometta llum stess *ai fini* tal-Ordni Permanenti 13, hija ttenni li hija tassattivament marbuta proċeduralment bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u kif dawn ġew applikati b'mod kostanti u regolari minn Speakers oħra qabli, u għaldaqstant it-talba hija miċħuda.

Sadanittant is-Sedja qiegħda tappella lill-partijiet sabiex tinstab dik l-opportunità sabiex ikollhom l-abbokamenti neċessarji li jwassluhom għal forma ta' ftehim dejjem bis-salvagardja ta' dak li diġà ngħad aktar qabel fir-rigward tad-drittijiet li għandhom dejjem jiġu mħarsa fil-konfront tal-persuni soġġetti għal investigazzjoni *de quo*.

Il-Kamra għalhekk issa se tkompli bix-xogħol tagħha.